Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2024/0068(COD)

27.3.2025

EMENDI
335 - 654

Abbozz ta' rapport
Alicia Homs Ginel
(PE769.927v01-00)

It-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")

Proposta għal direttiva
(COM(2024)0132 – C10-0004/2024 – 2024/0068(COD))

Emenda 335
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Suġġett	Suġġett ***u kamp ta' applikazzjoni***

Or. fr

Emenda 336
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Suġġett	***Għan u*** suġġett

Or. en

Emenda 337
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u ***għall-ġlieda kontra*** r-relazzjonijiet ***regolari*** ta' impjieg li ***taparsi jkunu traineeships***.	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ. Din teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha r-relazzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali inizjali u tal-apprendistat, it-traineeships li jkunu parti minn programm ta' edukazzjoni u ta' taħriġ formali u dawk li jkunu obbligatorji biex tiġi aċċessata professjoni partikolari, il-kuntratti*** u r-relazzjonijiet ta' impjieg li ***jkunu ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm***

	pubbliku speċifiku ta' taħriġ, integrazzjoni, u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali jew li jkun appoġġat mill-awtoritajiet pubbliċi u t-traineeships li jkunu saru fil-qafas tal-professjonijiet regolati.

Or. fr

Emenda 338
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva ***tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu*** traineeships.	Din id-Direttiva ***tapplika għal trainees fi*** traineeships ***tas-suq miftuħ li għandhom kuntratt ta' impjieg jew li huma f'relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, minn ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istat Membru, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***.

Or. en

Emenda 339
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees ***u għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta'*** impjieg ***li taparsi jkunu*** traineeships.	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees ***tas-suq miftuħ f'relazzjoni ta'*** impjieg ***u għall-prevenzjoni ta' prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta'*** traineeships.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-artikolu għandu jenfasizza li l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva huwa fuq traineeships tas-suq miftuħ li huma f'relazzjoni ta' impjieg. Definizzjoni komuni ta' traineeships u definizzjoni usa' ta' trainees barra r-relazzjonijiet ta' impjieg ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikoli 165 u 166 tat-TFUE. Sabiex ikun fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, it-trainee jeħtieġ li jkun f'relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, minn ftehimiet kollettivi jew minn prattika fis-seħħ fl-Istat Membru, b'kunsiderazzjoni għall-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, ara l-premessa 16. .

Emenda 340
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri ***għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u g***ħall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships.	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships ***tas-suq miftuħ***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Deletion of: "Improving and enforcing working conditions of trainees": Existing Directives such as the Council Directive 2000/43/EC, Council Directive 2000/78/EC and Directive 2002/73/EC already cover, improve and allow for the enforcement of the working conditions of trainees and guarantee their equal treatment on accounts of racial or ethnic origin or establishing a general framework for equal treatment in employment and occupation. Focus on "open-market traineeships": In comparison to Active Labour Market Policy (ALMP) traineeships, Education Curricula traineeships (ECT) and traineeships that are a mandatory requirement to access specific professions (MPT), open market traineeships are generally less regulated and only to varying extents across the EU.

Emenda 341
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi ***qafas*** komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u għall-ġlieda kontra ***r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu*** traineeships.	Din id-Direttiva tistabbilixxi ***definizzjoni*** komuni ta' ***traineeships u tistabbilixxi qafas*** ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u għall-ġlieda kontra ***l-prattiki abbużivi li jirriżultaw minn*** traineeships ***frawdolenti***.

Or. en

Emenda 342
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva ***tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet*** tax-xogħol tat-trainees u ***għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet*** regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships.	***L-għan ta'*** din id-Direttiva ***huwa li ttejjeb il-kundizzjonijiet*** tax-xogħol tat-trainees ***u l-kwalità u l-aċċessibbiltà tat-traineeships fl-Unjoni*** u ***li tiġġieled ir-relazzjonijiet*** regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships.

Or. en

Emenda 343
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ***tat-trainees*** u għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships.	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ***għat-trainees, filwaqt li jiġi żgurat li t-traineeships jservu bħala perkors effettiv għal impjieg stabbli jew aċċess għal professjoni*** u għall-ġlieda kontra r-

	relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships**.**

Or. en

Emenda 344
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships.	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees ***filwaqt li jiġi żgurat allinjament mal-objettivi edukattivi tagħhom,*** u għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships.

Or. en

Emenda 345
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' drittijiet u standards minimi li japplikaw għat-traineeships kollha li mhumiex parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali sabiex jittejbu l-kwalità u l-aċċessibbiltà tagħhom u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u jiġu miġġielda relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships.

Or. en

Emenda 346
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din id-Direttiva tapplika għat-traineeships fis-suq miftuħ.
	Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:
	(a) traineeships li jitwettqu fil-qafas tal-edukazzjoni formali u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali,
	(b) apprendistati,
	(c) traineeships fil-qafas ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jiġi definit b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, filwaqt li ssir distinzjoni bejn it-traineeships li tapplika għalihom u dawk li ma tapplikax għalihom. Din il-kjarifika tippermetti implimentazzjoni aktar bla xkiel, li tiżgura l-allinjament tad-Direttiva mal-kompetenzi tal-UE definiti mid-dritt Komunitarju. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet stabbiliti japplikaw biss għal traineeships fis-suq miftuħ bl-esklużjoni ta' traineeships "kurrikulari" imwettqa fil-qafas tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-apprendistati.

Emenda 347
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din id-Direttiva tistabbilixxi definizzjoni komuni ta' traineeships u tistabbilixxi qafas ta' prinċipji u miżuri biex itejbu l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-

trainees u jipprevjenu prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships.

Or. en

Emenda 348
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal traineeships li jsiru fil-qafas tal-edukazzjoni formali u tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Or. en

Emenda 349
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Kamp ta' applikazzjoni
	1. Din id-Direttiva tapplika għat-traineeships offruti fis-suq tax-xogħol miftuħ.
	2. Ma għandhiex tapplika għal:
	(a) traineeships imwettqa bħala parti mill-programmi ta' edukazzjoni formali jew ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali;
	(b) apprendistati;
	(c) traineeships implimentati fil-qafas ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija essenzjali delimitazzjoni ċara tal-kamp ta' applikazzjoni biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva. Billi jagħmel distinzjoni ċara bejn traineeships tas-suq miftuħ u dawk marbuta mal-edukazzjoni formali, l-apprendistati, jew il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, it-test jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u jibqa' allinjat bis-sħiħ mal-kompetenzi tal-Unjoni kif definiti fit-Trattati.

Emenda 350
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Kamp ta' applikazzjoni
	Mingħajr preġudizzju għall-miżuri applikabbli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, din id-Direttiva ma tapplikax għat-traineeships li jsiru fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Or. fr

Emenda 351
Mélanie Disdier

Proposta għal direttiva
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Kamp ta' applikazzjoni
	1. Din id-Direttiva tapplika għal traineeships fi swieq miftuħa.
	2. Din id-Direttiva la tapplika għal traineeships li jsiru bħala parti minn proċess ta' taħriġ fi skola jew f'università, u lanqas għal traineeships obbligatorji bħala parti minn taħriġ vokazzjonali.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Sakemm il-kategoriji differenti msemmija fil-punt 2 diġà jkunu rregolati minn reġimi legali speċifiċi, id-Direttiva tissogra li tippenalizza dawn il-korsijiet ta' taħriġ billi żżid limitazzjonijiet mhux iġġustifikati. Il-problema tal-abbuż teżisti speċjalment fil-kuntest ta' traineeships fi swieq miftuħa, li huma ħafna anqas ikkontrollati. L-emenda ġiet żviluppata wara intervista mal-Konfederazzjoni tal-SMEs.

Emenda 352
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' ***prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta'*** tagħlim ***u*** taħriġ, ***imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika*** u professjonali bil-ħsieb li ***tittejjeb l-impjegabbiltà u*** tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal ***relazzjoni ta'*** impjieg ***regolari jew*** l-aċċess għal professjoni***;***	(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' tagħlim ***ibbażat fuq ix-xogħol - mhux integrat f'perkors ta'*** taħriġ ***kurrikulari formali - li għandu l-għan li jipprovdi ħiliet prattiċi*** u professjonali ***permezz ta' taħriġ sinifikanti,*** bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ***mill-edukazzjoni*** għal impjieg ***stabbli,*** jew l-aċċess għal professjoni***, abbażi ta' kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeships.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir distinzjoni ċara bejn traineeships ekstrakurrikulari u dawk kurrikulari. Dawn tal-aħħar iridu jibqgħu parti integrali minn perkors edukattiv u ma għandhomx ikunu soġġetti għal remunerazzjoni obbligatorja. Minflok, għandhom jiżguraw l-aħjar kundizzjonijiet għall-istudent (li huwa, tabilħaqq, student mhux ħaddiem), bħal rimborż tal-ispejjeż, opportunitajiet ta' taħriġ addizzjonali u esperjenzi ta' tagħlim ta' kwalità ġenerali.

Emenda 353
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' ***prattika tax-xogħol li jinkludi*** komponent sinifikanti ta' ***tagħlim u*** taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li ***tittejjeb l-impjegabbiltà u*** tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ***għal relazzjoni ta'*** impjieg ***regolari*** jew l-aċċess għal professjoni;	(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' ***xogħol fil-livell bażi li għandu l-għan li jipprovdi ħiliet prattiċi u professjonali permezz ta'*** komponent sinifikanti ta' taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ***mill-edukazzjoni għal*** impjieg ***stabbli,*** jew l-aċċess għal professjoni***, abbażi ta' kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeships***;

Or. en

Emenda 354
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser ***perjodu*** limitat ta' prattika tax-xogħol ***li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ***, ***imwettaq biex tinkiseb*** esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari ***jew l-aċċess għal professjoni***;	(a) "traineeship" tfisser ***traineeships tas-suq miftuħ, li huwa definit bħala ftehimiet mhux obbligatorji, bilaterali u privati bejn trainee u fornitur tat-traineeships b'perjodu*** limitat ta' prattika tax-xogħol ***mingħajr rabta formali mal-edukazzjoni jew mat-taħriġ, mingħajr l-involviment ta' parti terza, bil-għan li tiġi pprovduta*** esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari ***u abbażi ta' kuntratt ta' impjieg bil-miktub bejn it-trainee u fornitur tat-traineeships***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-direttiva tapplika biss għat-Traineeships tas-Suq Miftuħ. Skemi rregolati tajjeb fl-edukazzjoni, l-apprendistati jew l-ALMPs huma rregolati mil-liġi nazzjonali, b'involviment qawwi tas-sħab soċjali u tal-istituzzjonijiet. Dawn jaqgħu barra mill-kompetenza tal-UE u għandhom jiġu indirizzati permezz ta' infurzar nazzjonali, mhux regolament ġdid. Id-definizzjoni tallinja mal-Qafas ta' Kwalità tal-2014 għat-Traineeships u l-premessi 16a u 16b.

Emenda 355
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser ***perjodu*** limitat ta' prattika tax-xogħol ***li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ***, ***imwettaq biex tinkiseb*** esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari ***jew l-aċċess għal professjoni***;	(a) "traineeship" tfisser ***traineeship tas-suq miftuħ, li hija definita bħala ftehim mhux obbligatorju, bilaterali u privat bejn trainee u fornitur tat-traineeships b'perjodu*** limitat ta' prattika tax-xogħol ***mingħajr rabta formali mal-edukazzjoni jew mat-taħriġ u mingħajr l-involviment ta' parti terza, bil-għan li tiġi pprovduta*** esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari ***u abbażi ta' kuntratt ta' impjieg bil-miktub bejn it-trainee u fornitur tat-traineeships***;

Or. en

Emenda 356
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' ***prattika tax-xogħol*** li jinkludi	(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ***fiż-żmien*** ta' ***tagħlim ibbażat fuq ix-***

komponent sinifikanti ta' ***tagħlim u*** taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali ***bil-ħsieb*** li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal ***relazzjoni ta'*** impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni***;***	***xogħol*** li jinkludi komponent sinifikanti ta' taħriġ ***u tagħlim***, imwettaq ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** biex tinkiseb esperjenza prattika ***u jiġu żviluppati ħiliet*** professjonali***, bl-objettiv li*** tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni***. Huwa distint mill-apprendistati, mill-programmi ta' edukazzjoni formali u taħriġ vokazzjonali u mill-iskemi ta' impjiegi pubbliċi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni tiċċara li d-Direttiva tapplika biss għal traineeships fis-suq tax-xogħol miftuħ, bl-esklużjoni tal-apprendistati, l-edukazzjoni formali u l-iskemi pubbliċi. Billi tiffoka fuq tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u limitat fiż-żmien b' komponent ta' taħriġ sinifikanti, tirrifletti l-iskop ewlieni tat-traineeships: li tittejjeb l-impjegabbiltà u tappoġġa t-tranżizzjoni għal impjieg regolari. Il-formulazzjoni tqis ukoll id-differenzi nazzjonali billi tippermetti kemm arranġamenti kuntrattwali kif ukoll mhux kuntrattwali, f' konformità mal-ġurisprudenza tal-UE.

Emenda 357
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika ***tax-xogħol li jinkludi*** komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, ***imwettaq biex tinkiseb*** esperjenza prattika u professjonali ***bil-ħsieb li tittejjeb*** l-impjegabbiltà ***u tiġi ffaċilitata*** t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari ***jew*** l-aċċess għal professjoni;	(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika ***bbażata fuq ix-xogħol li tikkombina*** komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, ***li jippermetti liż-żgħażagħ jiksbu*** esperjenza prattika u professjonali. ***L-objettiv tiegħu huwa li jtejjeb*** l-impjegabbiltà***, jiffaċilita*** t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari***, u jappoġġa*** l-aċċess għal professjoni;

Or. en

Emenda 358
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;	(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol ***fil-livell bażi*** li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ***mill-edukazzjoni*** għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;

Or. en

Emenda 359
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' ***prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti*** ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;	a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' tagħlim u ***ta'*** taħriġ ***f'ambjent professjonali***, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;

Or. fr

Emenda 360
David Casa

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ***,*** ***imwettaq*** biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;	(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni***, u mhux imwettaq wara li jintlaħaq rekwiżit ta' edukazzjoni formali***;

Or. en

Emenda 361
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;	(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ***, minbarra traineeships fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali f'konformità mal-kurrikuli nazzjonali***, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;

Or. en

Emenda 362
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "perjodu ta' taħriġ prattiku", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "perjodu ta' traineeship": perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;	(a) "perjodu ta' taħriġ prattiku", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "perjodu ta' traineeship": perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li***, mingħajr ma jkun parti mill-pjan ta' studju jew mit-taħriġ formali,*** jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;

Or. es

Emenda 363
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;	a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew l-aċċess għal professjoni;

Or. fr

Emenda 364
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	i) perjodu limitat ta' xogħol fil-livell bażi li għandu l-għan li jipprovdi ħiliet prattiċi u professjonali permezz ta' taħriġ sinifikanti, bil-għan li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal impjieg stabbli, jew l-aċċess għal professjoni, abbażi ta' kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeships, li jitħallas f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2041;

Or. en

Emenda 365
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship ***li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***;	(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship;

Or. en

Emenda 366
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "trainee" tfisser kwalunkwe	(b) "trainee" tfisser kwalunkwe

persuna li twettaq traineeship ***li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***;	persuna li twettaq traineeship;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li tiġi żgurata definizzjoni ċara ta' trainee, speċjalment fid-distinzjoni bejn trainees u impjegati regolari. L-internships mhumiex forom ta' impjieg, peress li jiffukaw fuq l-opportunità li l-għarfien teoretiku jiġi applikat f'kuntest professjonali u jridu jiġu ttrattati separatament mill-kuntratti ta' impjieg. Wara li jiġu kkunsidrati wkoll ir-regolamenti differenti li jeżistu bejn il-pajjiżi tal-UE, dan jevita l-inċertezzi u trikkib regolatorju possibbli li għandhom it-tendenza li jġibu l-perjodi ta' traineeship fl-ambitu tar-relazzjonijiet ta' impjieg.

Emenda 367
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq ***traineeship li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***;	(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq ***traineeship li mhijiex parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali***;

Or. en

Emenda 368
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship ***li jkollha*** kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika ***fis-seħħ f'kull Stat*** Membru ***fid-dawl tal-ġurisprudenza*** tal-Qorti tal-Ġustizzja***;***	(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship ***fis-suq tax-xogħol miftuħ, kif imsemmi fl-Artikolu 1a(1), u li jista' jkollha jew jista' ma jkollhiex*** kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi ***nazzjonali***, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika ***stabbilita*** tal-Istat Membru ***rispettiv, filwaqt li titqies il-ġurisprudenza*** tal-Qorti tal-Ġustizzja ***tal-Unjoni Ewropea***. ***Din id-definizzjoni teskludi persuni li jwettqu apprendistati, traineeships f'sistemi ta' edukazzjoni formali u taħriġ vokazzjonali, jew traineeships ibbażati fuq skemi ta' impjiegi pubbliċi, kif stabbilit fl-Artikolu 1a(2).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni riveduta ta' "trainee" tiżgura konsistenza mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva billi tillimitaha għal individwi li jwettqu traineeship fis-suq tax-xogħol miftuħ. Tiċċara li trainee jista' jkollu jew ma jkollux relazzjoni ta' impjieg, u b' hekk tirrifletti d-diversità tal-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali u tiżgura l-allinjament mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan l-approċċ jippromwovi ċ-ċarezza tad-dritt u jiżgura li d-Direttiva tapplika biss għall-grupp fil-mira maħsub.

Emenda 369
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru ***fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***;	b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru;

Or. fr

Emenda 370
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship li jkollha kuntratt ta' ***impjieg jew*** relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;	b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship li jkollha kuntratt ta' ***traineeship u li s-sitwazzjoni tagħha tkun differenti minn dik ta'*** relazzjoni ta' impjieg ***regolari*** kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

Or. fr

Emenda 371
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship li jkollha ***kuntratt ta' impjieg jew*** relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;	(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship li jkollha relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

Or. en

Emenda 372
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "trainee": kwalunkwe persuna li twettaq traineeship li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;	(b) "trainee": kwalunkwe persuna li twettaq traineeship li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***, fil-qafas ta' ftehim bilaterali mal-impjegatur***;

Or. es

Emenda 373
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;	(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship ***tas-suq miftuħ*** li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

Or. en

Emenda 374
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) "traineeship tas-suq miftuħ" tfisser traineeship ibbażata fuq ftehim mhux obbligatorju u bilaterali bejn

trainee u fornitur tat-traineeships, mingħajr l-involviment ta' parti terza.

Or. en

Emenda 375
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) "fornitur tat-traineeships" tfisser impriża, servizz pubbliku tal-impjiegi jew entità pubblika, privata jew mhux għal profitt oħra li tipprovdi traineeships;

Or. en

Emenda 376
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) "fornitur tat-traineeships" tfisser impriża li tkun privata, pubblika jew it-tnejn li huma u li tipprovdi traineeships;

Or. en

Emenda 377
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "relazzjoni ta' impjieg regolari" tfisser kwalunkwe relazzjoni ta' impjieg li mhijiex traineeship;	***imħassar***

Or. en

Emenda 378
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "relazzjoni ta' impjieg regolari" tfisser kwalunkwe relazzjoni ta' impjieg li mhijiex traineeship;	***imħassar***

Or. en

Emenda 379
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "relazzjoni ta' impjieg regolari" tfisser kwalunkwe relazzjoni ta' impjieg li mhijiex traineeship;	(c) "relazzjoni ta' impjieg regolari" tfisser kwalunkwe relazzjoni ***oħra*** ta' impjieg li mhijiex traineeship;

Or. en

Emenda 380
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "impjegat regolari" tfisser kwalunkwe persuna f'relazzjoni ta' impjieg regolari.	***imħassar***

Or. en

Emenda 381
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "impjegat regolari" tfisser kwalunkwe persuna f'relazzjoni ta' impjieg regolari.	***imħassar***

Or. en

Emenda 382
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Kapitolu II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II Trattament ugwali	***imħassar***
3 Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità	

tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.

Meta ma jkun hemm l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 383
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 3	***imħassar***
Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	
Meta ma jkun hemm l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.	

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Billi t-trainees jinsabu f'sitwazzjoni differenti minn ħaddiem regolari, l-istabbiliment tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn it-tnejn ma huwiex konsistenti. Dan jikkostitwixxi wkoll l-istabbiliment ta' leġiżlazzjoni dwar l-istatus tat-trainees, li tmur kontra l-Artikolu 165(4) tat-TFUE u l-Artikolu 4(1) tat-TUE.

Emenda 384
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 3	***imħassar***
Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	
Meta ma jkun hemm l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni ma għandux għalfejn jiġi introdott bħala kunċett legali ġdid peress li t-trainees igawdu d-drittijiet sħaħ tal-impjegati malli jibdew jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' relazzjonijiet ta' impjieg regolari. Għalhekk huwa żejjed.

Emenda 385
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati ***regolari komparabbli*** fl-istess stabbiliment***, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.***	L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati ***oħra*** fl-istess stabbiliment***;***

Or. en

Emenda 386
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ***tax-xogħol*** inkluż ***il-paga***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm ***trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal*** kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, ***intensità*** tax-xogħol jew ***il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ***tat-traineeship***, inkluż ***il-kumpens***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm ***tali differenza ma tkunx oġġettivament ġustifikata***, ***pereżempju minn*** kompiti differenti, ***minn*** responsabbiltajiet aktar baxxi, ***mil-livell ta' esperjenza***, ***mill-intensità*** tax-xogħol ***jew mill-komponent tat-taħriġ***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni riveduta tirrifletti aħjar in-natura speċifika tat-traineeships billi tirreferi

għal "kundizzjonijiet tat-traineeship" u "kumpens" aktar milli termini standard tal-impjieg. Iż-żieda ta' "livell ta' esperjenza" bħala ġustifikazzjoni tirrikonoxxi l-karattru tranżizzjonali tat-traineeships u tiżgura l-proporzjonalità.

Emenda 387
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati ***regolari*** komparabbli ***fl-istess stabbiliment***, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-paga ***kif stabbilita fil-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika f'kull Stat Membru***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati komparabbli, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż ***akbar*** tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kwistjoni ewlenija bid-Direttiva hija li tqabbel it-trainees ma' ħaddiema regolari, minkejja d-differenzi fundamentali. It-traineeships jinvolvu tagħlim sinifikanti, bi proċess inizjali diffiċli. Madankollu, il-kundizzjonijiet tax-xogħol huma stabbiliti għall-perjodu kollu. L-Artikolu 3 għandu jirrifletti li t-trattament differenzjali huwa ġustifikabbli minħabba raġunijiet oġġettivi. Minħabba n-natura tat-traineeships, trid tiġi permessa diskrezzjoni wiesgħa meta jiġu ddefiniti tali kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li jitqies il-karattru speċifiku tagħhom.

Emenda 388
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol

inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol ***jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ***.	inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment ***unikament peress li qed iwettqu traineeship***, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol.

Or. en

Emenda 389
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ***tax-xogħol*** inkluż ***il-paga***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew ***il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ***tat-traineeship*** inkluż ***il-kumpens, kif stabbilit fil-liġi, fil-ftehimiet kollettivi jew fil-prattika f'kull Stat Membru***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew ***l-iskopijiet edukattivi***.

Or. en

Emenda 390
David Casa

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol

inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	inkluż il-paga ***jew il-kumpens***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.

Or. en

Emenda 391
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ***tax-xogħol*** inkluż ***il-paga***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ***tat-traineeship*** inkluż ***il-kumpens***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż ***akbar*** tal-komponent tat-tagħlim***, il-livell ta' esperjenza*** u t-taħriġ.

Or. en

Emenda 392
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ***tax-xogħol*** inkluż ***il-paga***, it-trainees ma jiġux ittrattati	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ***tat-traineeship*** inkluż ***ir-remunerazzjoni***, it-trainees ma

b’mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	jiġux ittrattati b’mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim***, il-livell ta’ esperjenza*** u t-taħriġ.

Or. en

Emenda 393
Branislav Ondruš

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b’mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b’mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ. ***Meta jkun hemm trattament differenti, dan ma għandux jipprevjeni lit-trainees minn sfond ta’ introjtu baxx biex jagħmlu traineeship.***

Or. en

Emenda 394
Jan-Peter Warnke, Branislav Ondruš

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-

rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ***, u li huma stabbiliti kemm fir-reklam tat-traineeship kif ukoll fil-kuntratt tax-xogħol tat-traineeship***.

Or. en

Emenda 395
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment***, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, il-post ta' akkoljenza, il-materjali li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni u l-paga***, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.

Or. en

Emenda 396
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż ***il-paga***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol**,** inkluż ***il-kumpens***, it-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.

Or. fr

Emenda 397
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-istess opportunitajiet ta' taħriġ bħal kwalunkwe persuna oħra. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex ineħħu l-ostaklu għall-parteċipazzjoni fit-traineeships. Fl-ambitu ta' kuntratt ta' traineeship, il-persuni b'diżabilità ma jridux jiġu ppenalizzati billi jitneħħielhom il-benefiċċju għal diżabilità jew l-intitolament għal servizzi oħra. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll sussidji finanzjarji, bl-użu tal-għajnuna mill-Istat, lil impjegaturi li jqabbdu trainees b'diżabilità biex ikopru kwalunkwe spiża marbuta ma' akkomodazzjoni raġonevoli.

Or. en

Emenda 398
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinkoraġġixxu r-remunerazzjoni għat-trainees, filwaqt li jqisu l-vijabbiltà ekonomika tal-impjegaturi u d-differenzi fl-għoli tal-ħajja bejn l-Istati Membri, b'inċentivi fiskali għall-kumpaniji, speċjalment l-SMEs u n-negozji ġodda li joffru traineeships ta' kwalità u opportunitajiet ta' impjieg stabbli.

Or. en

Emenda 399
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri konkreti biex jippromwovu aċċess akbar għat-traineeships, b'mod partikolari għal nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabilità, il-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali, remoti jew ultraperiferiċi, il-persuni minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, u l-persuni b'livell edukattiv aktar baxx.

Or. en

Emenda 400
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-aċċess għat-traineeships u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga, it-traineeships jikkonformaw mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, kif stabbilit fid-Direttivi 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2006/54/KE.

Or. en

Emenda 401
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jippromwovu aċċess akbar għat-traineeships fil-każ taż trainees minn sfondi vulnerabbli, fosthom trainees b'diżabilità.

Or. en

Emenda 402
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-postijiet tax-xogħol ikunu adattati u aċċessibbli għal trainees b'diżabilità.

Or. en

Emenda 403
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-trainees b'diżabilità għandhom jirċievu appoġġ imfassal apposta, inklużi adattamenti għal ambjenti tax-xogħol fiżiċi u diġitali biex jissodisfaw ħtiġijiet speċifiċi, skedi ta' taħriġ flessibbli biex jitqiesu r-rekwiżiti relatati mas-saħħa, u appoġġ minn mentors imħarrġa jew minn uffiċjali ta' kollegament maħtura għall-persuni b'diżabilità biex tiġi żgurata esperjenza ta' suċċess u inklużiva. It-traineeships għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet biex jipprevjenu d-diskriminazzjoni u jippromovu opportunitajiet indaqs għall-avvanz, b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-karriera u l-opportunitajiet ta' impjieg fit-tul. Barra minn hekk, l-effettività tal-programm fil-promozzjoni tal-inklużività u fil-kisba ta' eżiti pożittivi għalt-trainees b'diżabilità għandha tiġi evalwata fuq bażi regolari u meta jkun meħtieġ aġġustata, filwaqt li jiġi żgurat li t-trainees kollha jiġu ttrattati b'dinjità u rispett.

Or. en

Emenda 404
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li,

	fir-rigward tal-aċċess għat-traineeships u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga, it-traineeships jikkonformaw mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, kif stabbilit fid-Direttivi 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2006/54/KE.

Or. en

Emenda 405
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess u opportunitajiet indaqs għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi l-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali, il-persuni minn sfondi edukattivi soċjoekonomiċi żvantaġġati, il-persuni rilaxxati u l-persuni migranti; il-programmi kollha ta' traineeship għandhom jinkludu akkomodazzjoni raġonevoli biex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà, l-inklużività u l-ekwità.

Or. en

Emenda 406
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma jkun hemm l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv	***imħassar***

applikabbli, jew fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 407
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma jkun hemm l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-klawżola tista' twassal għal pożijiet eċċessivi għall-impjegaturi, li min-naħa tagħhom jistgħu jiskoraġġuhom milli jimpjegaw interns.

Emenda 408
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma jkun ***hemm*** l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv ***applikabbli***, ***jew fejn ma jkun hemm l-ebda*** ftehim kollettiv applikabbli, ***skont il-liġi*** jew il-prattika nazzjonali.	Meta ma jkun ***jeżisti*** l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv ***rilevanti***. ***Fin-nuqqas ta'*** ftehim kollettiv applikabbli, ***il-valutazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-liġi nazzjonali*** jew il-prattika nazzjonali ***stabbilita***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-formulazzjoni tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-ftehimiet kollettivi fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, filwaqt li tissalvagwardja l-awtonomija tal-Istati Membri f'konformità mat-tradizzjonijiet nazzjonali tas-suq tax-xogħol. Dan jiżgura ċ-ċarezza tad-dritt u jirrispetta s-sussidjarjetà.

Emenda 409
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma jkun hemm l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.	Meta ma jkun hemm l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali. ***L-Istati Membri jistgħu, bi qbil konġunt bejn is-sħab soċjali, jagħtu lis-sħab soċjali, fil-livell xieraq u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri, l-għażla li jżommu jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jistabbilixxu r-raġunijiet oġġettivi li huma kkunsidrati li jiġġustifikaw trattament differenti, f'konformità mal-paragrafu 1.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irridu nevitaw il-possibbiltà ta' inċertezzi u trikkib regolatorju li għandha t-tendenza li terġa' ġġib il-perjodi ta' taħriġ lura fis-suq tax-xogħol. Għalhekk, huwa meqjus xieraq li ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' ftehim terminoloġiku, bħar-referenza għal "remunerazzjoni" tipika tar-relazzjonijiet tax-xogħol kuntrattwali. Is-sħab soċjali jistgħu jitħallew ukoll – f'konformità mal-proċeduri u l-prattiki ta' kull Stat Membru – jiddeterminaw derogi possibbli mill-prinċipju ta' trattament ugwali marbut man-natura distinta ta' traineeships mir-relazzjonijiet ta' impjieg.

Emenda 410
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu, jekk is-sħab soċjali nazzjonali jaqblu b'mod konġunt, jagħtu lis-sħab soċjali, fil-livell xieraq u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri, l-għażla li jżommu jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jadattaw, jikkomplementaw u/jew ivarjaw mir-regoli inklużi f'din id-Direttiva dment li jiġi żgurat il-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-ħaddiema u li jiġi rispettat il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 411
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu, dment li jkun ipprovdut livell adegwat ta' protezzjoni għat-trainees, bil-kundizzjoni li s-sħab soċjali nazzjonali jaqblu b'mod konġunt, jagħtu lis-sħab soċjali, fil-livell xieraq u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri, l-għażla li jżommu jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jadattaw, jikkomplementaw u/jew li jvarjaw mir-regoli inklużi fl-Artikolu 3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva għandha tippermetti deroga mit-trattament ugwali permezz ta' ftehimiet

kollettivi. Ħafna traineeships huma bbażati fuq tali ftehimiet, li diġà jiżguraw kundizzjonijiet ta' kwalità u ġusti. Dawn l-iskemi jridu jkomplu, u jirriflettu l-kuntesti soċjali u lokali. Il-ftehimiet kollettivi huma essenzjali biex jitfasslu regoli għal setturi speċifiċi. Direttivi oħra jippermettu lis-sħab soċjali jiddefinixxu t-termini, inkluż it-trattament ugwali, jekk tiġi żgurata l-protezzjoni (eż. id-Direttivi 2008/104/KE, 2019/1152, 2003/88/KE).

Emenda 412
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri tat-traineeships għandhom jinfurmaw lit-trainees dwar il-postijiet battala li jsiru disponibbli fl-impriża jew fl-istabbiliment tagħhom biex jiżguraw li jkollhom l-istess opportunità li jieħdu post permanenti bħal ħaddiema oħra. Din l-informazzjoni tista' tingħata permezz ta' avviż ġenerali f'post xieraq fl-impriża jew fl-istabbiliment.

Or. en

Emenda 413
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Saħħa u Sikurezza
	Fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees igawdu minn garanziji u protezzjonijiet ugwali għal dawk li jgawdu l-impjegati u l-uffiċjali kollha fl-istabbiliment. Għandhom jiġu pprovduti wkoll salvagwardji addizzjonali, bħal

	taħriġ imtejjeb dwar is-sigurtà, minħabba n-nuqqas ta' għarfien u esperjenza professjonali tat-trainees.

Or. en

Emenda 414
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Kapitolu IVa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kapitolu III
	Kwalità u aċċessibbiltà

Or. en

Emenda 415
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Kapitolu Ib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Kriterji tal-kwalità
	1. Sabiex tiġi żgurata l-preżenza ta' komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ u kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità għat-trainees, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-traineeships li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jinkludu:

Or. en

Emenda 416
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Kapitolu IIc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) ftehim ta' traineeship bil-miktub konkluż fil-bidu tat-traineeship li jistabbilixxi mill-inqas:
	(i) it-tul tat-traineeship;
	(ii) ir-remunerazzjoni li għandha tiġi pprovduta lit-trainee f'konformità mal-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru u d-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
	(iii) l-objettivi tat-tagħlim u tat-taħriġ stabbiliti, wara diskussjoni konġunta, mit-trainee u mill-fornitur tat-traineeships biex jgħinu lit-trainee jikseb esperjenza prattika u professjonali u ħiliet rilevanti bil-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal relazzjoni ta' impjieg regolari jew tiġi aċċessata professjoni;
	(iv) id-drittijiet u l-obbligi tat-trainee u tal-fornitur tat-traineeships u b'mod partikolari l-kompiti li għandhom jitwettqu mit-trainee. Dawn il-kompiti għandhom jiġu stabbiliti b'referenza għall-objettivi tat-tagħlim u tat-taħriġ imsemmija fil-punt (iii) u għandhom jiffaċilitaw l-ilħuq ta' dawk l-objettivi;
	(v) il-politiki tal-fornitur tat-traineeships dwar il-kunfidenzjalità u s-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;
	(vi) is-superviżur li għandu jiġi assenjat lit-trainee matul it-traineeship u l-arranġamenti għal mentoraġġ u evalwazzjoni regolari u konsistenti li għandhom jitwettqu mis-superviżur huwa u jiggwida lit-trainee fil-kompiti assenjati;

Or. en

Emenda 417
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Kapitolu IId (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) id-drittijiet stabbiliti fid-Direttivi 2003/88/KE u (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif implimentati mil-liġi u l-prattiki nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;

Or. en

Emenda 418
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Kapitolu IIe (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) l-aċċess għall-protezzjoni soċjali tat-trainees f'konformità mal-iskemi nazzjonali, inkluż l-assigurazzjoni tas-saħħa, il-benefiċċji tal-qgħad u l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni.

Or. en

Emenda 419
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Kapitolu IIf (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Aċċessibbiltà u inklużjoni

Or. en

Emenda 420
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Kapitolu IIg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex itejbu l-aċċessibbiltà u l-inklużività tat-traineeships, b'mod partikolari għall-persuni li huma aktar maqtugħa mis-suq tax-xogħol inklużi l-persuni b'diżabilità, dawk li jirrisjedu f'reġjuni rurali, remoti u ultraperiferiċi, dawk bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat u/jew il-migranti, dawk mill-komunità tar-Rom u dawk b'livelli aktar baxxi ta' livell edukattiv.

Or. en

Emenda 421
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Kapitolu IIh (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw sostenn u inċentivi suffiċjenti, inklużi inċentivi finanzjarji, għall-fornituri tat-traineeships, b'mod partikolari l-SMEs li jipprovdu traineeships lil tali persuni inkluż permezz tal-użu ta' fondi rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 422
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Kapitolu IIi (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees b'diżabilità jiġu pprovduti b'akkomodazzjoni raġonevoli matul traineeship.

Or. en

Emenda 423
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Kapitolu III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
III ***Il-ġlieda kontra r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu*** traineeships	***Miżuri għall-ġlieda kontra prattiki abbużivi li jirriżultaw minn*** traineeships ***frawdolenti fis-swieq tax-xogħol***

Or. en

Emenda 424
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Miżuri għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships	
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg	

regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. fr

Emenda 425
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Miżuri ***għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu*** traineeships	Miżuri ***biex jiġi identifikat l-użu ta'*** traineeships ***ħalli jiġi sostitwit impjieg stabbli***

Or. en

Emenda 426
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Miżuri għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships	***Qafas legali*** għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships

Or. en

Emenda 427
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-leġiżlazzjoni attwali kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, dan l-artikolu huwa żejjed. L-ispettorati tax-xogħol fil-livell nazzjonali diġà jwettqu tali spezzjonijiet. Il-livell nazzjonali jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex jindirizza din il-problema, jekk ikun appoġġat minn evidenza u f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati.

Emenda 428
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu ***kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta*** relazzjoni ta' impjieg regolari ***taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika***	L-Istati Membri għandhom jipprevedu ***qafas legali effettiv biex jindirizzaw il-ħabi ta' traineeships tas-suq miftuħ bħala*** relazzjoni ta' impjieg regolari.

tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 429
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ***jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet*** effettivi ***mwettqa*** mill-awtoritajiet kompetenti ***biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta*** relazzjoni ta' impjieg regolari ***taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom*** skont il-liġi***, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika*** tal-Unjoni jew nazzjonali.	L-Istati Membri għandhom ***jieħdu miżuri xierqa, f'konformità mas-sistemi nazzjonali tagħhom, biex jiżguraw monitoraġġ u infurzar*** effettivi mill-awtoritajiet kompetenti ***bil-għan li jidentifikaw u jindirizzaw sitwazzjonijiet li fihom jintuża taħriġ biex jiġu evitati d-drittijiet u l-protezzjonijiet assoċjati ma'*** relazzjoni ta' impjieg regolari skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, ***il-ftehimiet kollettivi, jew il-prattika stabbilita***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-formulazzjoni tirrispetta l-awtonomija tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni tas-sistemi ta' spezzjoni tax-xogħol tagħhom, filwaqt li tiżgura li l-użu ħażin tat-traineeships jiġi indirizzat b'mod effettiv. Tibbilanċja l-ħtieġa ta' infurzar mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Emenda 430
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet ***effettivi mwettqa*** mill-awtoritajiet kompetenti ***biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar***	L-Istati Membri għandhom jipprevedu ***miżuri effettivi f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, inklużi, meta jkun xieraq,*** kontrolli u spezzjonijiet ***imwettqa***

kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg ***regolari*** taparsi ***tkun traineeship*** bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	mill-awtoritajiet kompetenti ***biex jiġġieldu r-relazzjonijiet*** ta' impjieg li taparsi ***jkunu traineeships*** bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 431
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	***It-traineeships kollha għandhom ikunu rregolati minn kuntratti ta' impjieg bil-miktub b'durata definita b'mod ċar, li jridu jiġu rreġistrati mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti f'konformità mal-prattiki nazzjonali u mal-leġiżlazzjoni Ewropea rilevanti. Dan għandu jiżgura trasparenza, kontroll adegwat u protezzjoni tad-drittijiet u d-data tat-trainees.*** L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 432
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki ***meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship*** bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li ***l-ħaddiem ikkonċernat*** ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali**.**	L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki ***abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships*** bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li ***t-trainee kkonċernat*** ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali***;***

Or. en

Emenda 433
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki ***meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship*** bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li ***l-ħaddiem ikkonċernat*** ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki ***abbużivi*** bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li ***t-trainee kkonċernat*** ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-kuntrarju tal-Abbozz ta' Rapport, dawn l-emendi jqisu, li t-traineeships jistgħu jintużaw għal skopijiet oħra minbarra l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni u l-impjiegi stabbli u li mhumiex abbużivi. Ħafna traineeships fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jintużaw għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ ta' persuni qiegħda (vulnerabbli), bil-għan li jiġi żgurat impjieg stabbli. Ħafna traineeships huma wkoll parti minn perkors edukattiv.

Emenda 434
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu*** kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali***, kif ukoll biex jadottaw*** miżuri ***koerċittivi kontra tali prattiki***.	L-Istati Membri għandhom ***jippromwovu*** kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali***. Għandhom ukoll ikattru l-adozzjoni ta'*** miżuri ***li jaġevolaw it-trasparenza u t-twettiq tar-regoli fis-seħħ.***

Or. es

Emenda 435
David Casa

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex	L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti ***u spetturi li***

jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	***huma esperti fin-natura diversa tat-traineeships biex jivvalutaw b'mod adegwat il-kwalità tagħhom,*** biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 436
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar ***u korrettivi*** kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett ***li jiġu sostitwiti pożizzjonijiet ta' impjieg regolari u*** jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 437
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki ***ta' sfruttament, inkluż*** meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 438
David Casa

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki meta relazzjoni ta' impjieg regolari taparsi tkun traineeship bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga ***jew kumpens***, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 439
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jimplimentaw azzjonijiet immirati u riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it-traineeships. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jinfurzaw miżuri biex jipprevjenu prattiki ta' sfruttament, jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema u jrawmu l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità, filwaqt li jinvestu fi programmi ta' edukazzjoni u taħriġ li jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 440
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom iħeġġu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u lil entitajiet legali rilevanti oħra jallokaw persuna ta' kuntatt maħtura għat-trainees biex isservi bħala l-ewwel punt ta' kuntatt ħalli jfittxu parir dwar ir-rimedji u s-sostenn disponibbli f'każijiet ta' mġiba ħażina suspettata, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, ksur tad-drittijiet tagħhom jew prattiki abbużivi.

Or. en

Emenda 441
David Casa

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għat-traineeships offruti minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-Istati Membri għandhom jipprovdu proċeduri simplifikati ta' konformità għal kontroll u spezzjonijiet effettivi, u biss malli jasal ilment għand l-awtoritajiet kompetenti mingħand it-trainees.

Or. en

Emenda 442
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Valutazzjoni ta' ***relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu*** traineeships	Valutazzjoni ta' traineeships ***frawdolenti***

Or. en

Emenda 443
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni ta' impjieg regolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha. Dik il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, l-	***imħassar***

elementi indikattivi li ġejjin:

(a) in-nuqqas ta' komponent sinifikanti ta' tagħlim jew taħriġ fl-allegat traineeship;

(b) id-durata eċċessiva tal-allegat traineeship jew traineeships multipli u/jew konsekuttivi mal-istess impjegatur mill-istess persuna;

(c) livelli ekwivalenti ta' kompiti, responsabbiltajiet u intensità tax-xogħol għall-allegati trainees u impjegati regolari f'pożizzjonijiet komparabbli mal-istess impjegatur;

(d) ir-rekwiżit ta' esperjenza ta' xogħol preċedenti għal kandidati għal traineeships fl-istess qasam ta' attività jew f'qasam ta' attività simili mingħajr ġustifikazzjoni xierqa;

(e) proporzjon għoli ta' allegati traineeships meta mqabbla ma' relazzjonijiet regolari ta' impjieg mal-istess impjegatur;

(f) għadd sinifikanti ta' allegati trainees mal-istess impjegatur li kienu temmew żewġ traineeships jew aktar jew kellhom relazzjonijiet ta' impjieg regolari fl-istess qasam ta' attività jew f'qasam ta' attività simili, qabel ma bdew l-allegat traineeship.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Qafas ta' Kwalità tal-2014 għat-Traineeships diġà jipprovdi kriterji għall-awtoritajiet nazzjonali biex jidentifikaw u jindirizzaw it-traineeships frawdolenti, filwaqt li jiżgura kontroll ta' kwalità.

Emenda 444
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni*** ta' impjieg regolari***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu*** valutazzjoni ġenerali ***tal-elementi*** fattwali ***rilevanti kollha. Dik il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, l-elementi indikattivi li ġejjin:***	1. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, f'konformità mas-sistemi u mal-proċeduri nazzjonali tagħhom, biex jipprevjenu u jindirizzaw il-ħabi ta' relazzjonijiet*** ta' impjieg regolari ***bħala traineeships tas-suq miftuħ li għandhom l-għan li jevitaw id-drittijiet u l-protezzjonijiet assoċjati ma' relazzjonijiet ta' impjieg regolari skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew prattika stabbilita. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li titwettaq*** valutazzjoni ġenerali ***bbażata fuq iċ-ċirkostanzi*** fattwali ***ta' kull każ individwali.***

Or. en

Emenda 445
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni*** ta' impjieg regolari***, l-awtoritajiet*** kompetenti ***għandhom jagħmlu*** valutazzjoni ġenerali ***tal-elementi*** fattwali ***rilevanti kollha. Dik il-valutazzjoni għandha*** tqis***, fost l-oħrajn,*** l-elementi indikattivi li ġejjin:	1. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, f'konformità mas-sistemi u mal-proċeduri nazzjonali tagħhom, biex jipprevjenu u jindirizzaw l-użu ħażin ta' traineeships li għandhom l-għan li jevitaw id-drittijiet u l-protezzjonijiet assoċjati ma' relazzjonijiet*** ta' impjieg regolari ***skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew prattika stabbilita. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet*** kompetenti ***jwettqu*** valutazzjoni ġenerali ***bbażata fuq iċ-ċirkostanzi*** fattwali ***ta' kull każ individwali***. ***Tali valutazzjoni tista', meta jkun rilevanti,*** tqis l-elementi ***mhux eżawrjenti u*** indikattivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 446
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex ***jiġi ddeterminat jekk allegat*** traineeship ***jikkostitwixxix relazzjoni ta' impjieg regolari***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha. ***Dik*** il-valutazzjoni għandha ***tqis, fost l-oħrajn,*** l-elementi ***indikattivi*** li ġejjin:	1. Sabiex ***tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' traineeships frawdolenti li taparsi*** traineeship, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha. ***Meta jiġi ddeterminat jekk hemmx stabbilita prattika abbużiva***, il-valutazzjoni għandha ***tkun ibbażata*** fuq l-elementi li ġejjin:

Or. en

Emenda 447
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni ta' impjieg regolari***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha. Dik il-valutazzjoni ***għandha*** tqis, fost l-oħrajn, l-elementi indikattivi li ġejjin:	1. Sabiex ***jidentifikaw prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha ***f'konformità mad-dritt jew il-prattika nazzjonali***. Dik il-valutazzjoni ***tista'*** tqis, fost l-oħrajn, l-elementi indikattivi li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-swieq tax-xogħol madwar l-UE għandhom differenzi, u l-awtoritajiet nazzjonali u s-sħab soċjali nazzjonali huma l-aktar adattati biex jiddeterminaw it-twettiq tal-valutazzjonijiet, u xi jrid jiġi inkluż sabiex jiġu ddeterminati u identifikati l-kwistjonijiet abbużivi.

Emenda 448
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni ta' impjieg regolari, ***l-awtoritajiet kompetenti*** għandhom ***jagħmlu*** valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha. Dik il-valutazzjoni ***għandha*** tqis, fost l-oħrajn, l-elementi indikattivi li ġejjin:	1. Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni ta' impjieg regolari, ***l-Istati Membri*** għandhom ***jiżguraw*** li ***titwettaq*** valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha ***f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali***. Dik il-valutazzjoni ***tista'*** tqis, fost l-oħrajn, l-elementi indikattivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 449
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni ta' impjieg regolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha. Dik il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, l-elementi indikattivi li ġejjin:	1. Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni ta' impjieg regolari ***li tirrikjedi azzjoni korrettiva***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha ***b'mod partikolari l-fatti relatati mal-prestazzjoni reali tax-xogħol irrispettivament minn kif ir-relazzjoni tiġi indikata fi kwalunkwe arranġament kuntrattwali li setgħu laħqu qbil dwaru l-partijiet involuti***. Dik il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, l-elementi indikattivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 450
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni ta' impjieg regolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha. Dik il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, l-elementi indikattivi li ġejjin:	1. Sabiex jiġi ddeterminat jekk allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni ta' impjieg regolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha ***f'konformità mal-liġi nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru***. Dik il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, l-elementi indikattivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 451
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjonijiet għal-limitu ta' żmien fil-	***imħassar***

punt (a) f'każijiet fejn durata itwal tkun ġustifikata fuq bażi oġġettiva.

Or. en

Emenda 538
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjonijiet għal-limitu ta' żmien fil-punt (a) f'każijiet fejn durata itwal tkun ġustifikata fuq bażi oġġettiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 539
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjonijiet għal-limitu ta' żmien fil-punt (a) f'każijiet fejn durata itwal tkun ġustifikata ***fuq bażi oġġettiva***.	L-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjonijiet għal-limitu ta' żmien fil-punt (a) f'każijiet fejn durata itwal tkun ġustifikata ***għal traineeships li t-tlestija tagħhom tkun obbligatorja biex tiġi aċċessata professjoni;***

Or. en

Emenda 540
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjonijiet ***għal-limitu*** ta' żmien fil-punt (a) f'każijiet fejn durata itwal tkun ġustifikata fuq bażi oġġettiva.	L-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjonijiet ***jew dispożizzjoni għall-estensjoni tal-limitu*** ta' żmien fil-punt (a) f'każijiet fejn durata itwal tkun ġustifikata fuq bażi oġġettiva.

Or. en

Emenda 541
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu ***miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-shih fir-rigward tat-trainees. B'mod partikolari għandhom***:	***Sabiex jiġi żgurat l-ilħuq shih tal-objettivi ta' din id-Direttiva,*** l-Istati Membri għandhom ***jieħdu l-miżuri li ġejjin***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irridu niżguraw li d-direttiva żżomm id-distinzjoni legali bejn traineeships u relazzjonijiet ta' impjieg. It-trainees ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala li għandhom kuntratt ta' impjieg, għalhekk il-liġi tal-UE ma tistax tapplika bl-istess mod bħal fil-każ tal-ħaddiema. L-Istati Membri jeħtiġilhom ikunu jistgħu jirregolaw it-traineeships b'mod effettiv fl-oqfsa legali eżistenti tagħhom mingħajr piż żejjed fuq l-impjegaturi.

Emenda 542
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ***effettivi*** biex jiżguraw li ***l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni*** applikabbli ***għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees***. B'mod partikolari għandhom:	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ***xierqa***, ***f'konformità mas-sistemi u l-prattiki nazzjonali tagħhom***, biex jiżguraw li ***t-trainees jibbenefikaw mid-drittijiet u l-protezzjonijiet*** applikabbli ***għalihom skont il-liġi tal-Unjoni u nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika stabbilita***. B'mod partikolari***, l-Istati Membri*** għandhom:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li t-trainees mhumiex awtomatikament ittrattati bħala ħaddiema skont il-liġi tal-Unjoni. Dan jiżgura li jirċievu l-protezzjonijiet speċifikament applikabbli għall-istatus tagħhom, filwaqt li jiġu rrispettati s-sistemi ta' implimentazzjoni nazzjonali u tiġi evitata l-inċertezza tad-dritt.

Emenda 543
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li ***l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata*** u ***infurzata*** bis-sħiħ ***fir-rigward tat-trainees***. B'mod partikolari għandhom:	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li ***d-distinzjoni bejn il-ħaddiem regolari*** u ***t-trainee tiġi rrispettata*** bis-sħiħ. B'mod partikolari għandhom:

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Peress li r-regolamentazzjoni tat-trainees ma taqax taħt il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea, l-isforz biex il-liġi Ewropea tiġi applikata jmur kontra t-trattati.

Emenda 544
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees. ***B'mod partikolari għandhom:***	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees.

Or. en

Emenda 545
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees. B'mod partikolari ***għandhom***:	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees. B'mod partikolari ***jistgħu***:

Or. fr

Emenda 546
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees. B'mod	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi ***f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali*** biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u

partikolari għandhom:	infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees. B'mod partikolari għandhom:

Or. en

Emenda 547
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees. B'mod partikolari għandhom:	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ***. B'mod partikolari għandhom:

Or. fr

Emenda 548
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-trainees tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 549
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-trainees tkun disponibbli ***għall-pubbliku*** b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli;	(a) jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-trainees tkun disponibbli ***għalihom*** b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli;

Or. es

Emenda 550
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-trainees tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli;	(a) jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-trainees tkun disponibbli għall-pubbliku ***mingħajr ħlas*** b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli***, inkluż f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità***;

Or. en

Emenda 551
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-trainees tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli;	a) jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-trainees ***u dwar ir-reġim legali applikabbli għat-trainees*** tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli;

Or. fr

Emenda 552
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżviluppaw gwida għall-impjegaturi tat-trainees rigward il-qafas legali għat-traineeships, inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 553
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżviluppaw gwida ***għall-impjegaturi*** tat-trainees rigward il-qafas legali għat-traineeships, inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali;	(b) jiżviluppaw gwida ***u sostenn għall-fornituri tat-traineeships*** tat-trainees fir-rigward tal-qafas legali għat-traineeships, ***f'SMEs partikolari,*** inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali ***kif ukoll l-aħjar prattiki dwar l-għoti ta' elementi ta' tagħlim u taħriġ ta' kwalità***;

Or. en

Emenda 554
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) jiżviluppaw gwida għall-impjegaturi tat-trainees rigward il-qafas	b) jiżviluppaw gwida għall-impjegaturi tat-trainees rigward il-qafas

legali għat-traineeships, inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali;	legali għat-traineeships, inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali***, kif ukoll rigward il-limiti legali li għandhom jiġu rrispettati biex tiġi evitata r-riklassifikazzjoni bħala kuntratt ta' impjieg regolari***;

Or. fr

Emenda 555
Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Brando Benifei, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżviluppaw gwida għall-impjegaturi tat-trainees rigward il-qafas legali għat-traineeships, inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali;	(b) jiżviluppaw ***qafas ta' kwalità u*** gwida komuni għall-impjegaturi tat-trainees rigward il-qafas legali għat-traineeships, inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali***, kif ukoll prattiki ta' kwalità u aċċessibbiltà għat-traineeships***;

Or. en

Emenda 556
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) jiżviluppaw gwida għall-impjegaturi tat-trainees rigward il-qafas legali għat-traineeships, inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali;	b) jiżviluppaw gwida għall-impjegaturi tat-trainees rigward il-qafas legali għat-traineeships ***fis-suq tax-xogħol miftuħ***, inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali;

Or. fr

Emenda 557
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jinfurzaw il-liġi tax-xogħol rilevanti fir-rigward tat-trainees;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 558
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jinfurzaw il-liġi tax-xogħol rilevanti fir-rigward tat-trainees;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda definizzjoni ċara ta' awtoritajiet kompetenti. Dan joħloq inċertezza tad-dritt u r-riskju li jinħolqu awtoritajiet ġodda u l-pretensjonijiet tal-liġi tax-xogħol ma jibqgħux jiġu indirizzati mill-qrati ordinarji.

Emenda 559
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet	(c) jipprevedu ***miżuri effettivi***

effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jinfurzaw il-liġi tax-xogħol rilevanti fir-rigward tat-trainees;	***f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, inklużi, meta jkunu xierqa,*** kontrolli u spezzjonijiet***, imwettqa*** mill-awtoritajiet kompetenti biex jinfurzaw il-liġi tax-xogħol rilevanti fir-rigward tat-trainees;

Or. en

Emenda 560
Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Brando Benifei, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi ***mwettqa*** mill-awtoritajiet kompetenti ***biex*** jinfurzaw il-liġi tax-xogħol rilevanti fir-rigward tat-trainees;	(c) jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet ***regolari u*** effettivi ***li għandhom jitwettqu*** mill-awtoritajiet kompetenti ***fuq għadd minimu ta' forniturі tat-traineeships sabiex*** jinfurzaw il-liġi tax-xogħol rilevanti fir-rigward tat-trainees;

Or. en

Emenda 561
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu kontrolli u spezzjonijiet effettivi u jkollhom il-kompetenza li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 562
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu kontrolli u spezzjonijiet effettivi u jkollhom il-kompetenza li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 563
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu*** kontrolli u spezzjonijiet effettivi ***u*** jkollhom ***il-kompetenza*** li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi;	(d) jiżguraw li ***jkun hemm stabbiliti sistemi xierqa, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, bir-riżorsi*** meħtieġa ***biex jitwettqu*** kontrolli u spezzjonijiet effettivi***. Dawn is-sistemi għandu*** jkollhom ***ukoll il-kapaċità*** li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi***, filwaqt li jitqiesu l-approċċi differenti madwar l-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 564
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu kontrolli u spezzjonijiet effettivi u jkollhom il-kompetenza li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi;	(d) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu kontrolli u spezzjonijiet effettivi u jkollhom il-kompetenza li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi***, li tista' tasal sa projbizzjoni fuq ir-reklutaġġ ta' trainees ġodda jew deċiżjoni mill-awtorità rilevanti li tagħlaq l-istabbiliment***;

Or. en

Emenda 565
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu kontrolli u spezzjonijiet effettivi u jkollhom il-kompetenza li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi;	(d) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***u l-Ispezzjoni Nazzjonali tax-Xogħol*** jiġu pprovduti bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu kontrolli u spezzjonijiet effettivi u jkollhom il-kompetenza li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi;

Or. en

Emenda 566
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu kontrolli	(d) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji ***suffiċjenti*** meħtieġa biex

u spezzjonijiet effettivi u jkollhom il-kompetenza li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi;	iwettqu kontrolli u spezzjonijiet effettivi u jkollhom il-kompetenza li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi;

Or. en

Emenda 567
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżviluppaw il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ u gwida, biex b'mod proattiv jimmiraw u jsegwu impjegaturi mhux konformi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 568
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżviluppaw il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ u gwida, biex b'mod proattiv jimmiraw u jsegwu impjegaturi mhux konformi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 569
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżviluppaw il-kapaċità ***tal-awtoritajiet kompetenti***, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ u gwida, biex b'mod proattiv jimmiraw u jsegwu impjegaturi mhux konformi;	(e) jiżviluppaw il-kapaċità ***tas-sistemi xierqa, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali***, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ u gwida, biex b'mod proattiv jimmiraw u jsegwu impjegaturi mhux konformi;

Or. en

Emenda 570
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżviluppaw il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ u gwida, biex b'mod proattiv jimmiraw u jsegwu ***impjegaturi*** mhux konformi;	(e) jiżviluppaw il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ u gwida, biex b'mod proattiv jimmiraw u jsegwu ***fornituri tat-traineeships*** mhux konformi;

Or. en

Emenda 571
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżviluppaw il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ u gwida, biex b'mod proattiv jimmiraw ***u jsegwu*** impjegaturi mhux konformi;	(e) jiżviluppaw il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ u gwida, biex b'mod proattiv jimmiraw impjegaturi mhux konformi;

Or. es

Emenda 572
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, mezzi għat-trainees biex jirrapportaw prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi	***imħassar***

Or. en

Emenda 573
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jiżguraw***, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti***, mezzi għat-trainees biex jirrapportaw prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi	(f) jiżguraw mezzi għat-trainees biex jirrapportaw prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi.

Or. en

Emenda 574
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-	(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-

awtoritajiet kompetenti, ***mezzi*** għat-trainees biex jirrapportaw prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi	awtoritajiet kompetenti ***jew mas-sħab soċjali***, ***f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali***, ***li jkunu stabbiliti l-mezzi*** għat-trainees biex jirrapportaw prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, ***allegat ksur tad-drittijiet u l-obbligi skont din id-direttiva,*** u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi

Or. en

Emenda 575
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, mezzi għat-trainees biex jirrapportaw prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi	(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, mezzi għat-trainees biex jirrapportaw prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi ***skont il-punt (a), filwaqt li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679***. ***Tali mezzi għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/2102;***

Or. en

Emenda 576
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, mezzi għat-trainees biex jirrapportaw prattiki ħżiena u	(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, mezzi għat-trainees biex jirrapportaw ***b'mod anonimu***

kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi	***u sikur*** prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi

Or. en

Emenda 577
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jiżguraw il-validazzjoni, ir-rikonoxximent u l-portabbiltà tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba matul il-perjodu ta' traineeship permezz ta' ċertifikat;

Or. en

Emenda 578
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) jiżguraw li t-traineeships jiġu rikonoxxuti bħala esperjenza tax-xogħol fil-proċessi ta' reklutaġġ fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 579
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri se jħeġġu l-integrazzjoni ta' traineeships f'perkorsi ta' wara t-tahriġ li jirrispondu għad-domandi attwali u futuri tas-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 580
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dritt għal ***rimedju***	***Soluzzjoni ta' tilwim u dritt*** għal ***kumpens***

Or. es

Emenda 581
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dritt għal rimedju	Dritt għal rimedju ***u proċeduri ta' emerġenza***

Or. en

Emenda 582
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li ***r-relazzjoni ta' impjieg*** tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess ***għal soluzzjoni*** tat-tilwim ***effettiva*** u imparzjali ***u dritt għal rimedju***, inkluż kumpens ***adegwat***, ***fil-każ*** ta' ksur tad-drittijiet ***tagħhom*** li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra ***tal-Unjoni*** applikabbli ***għall-ħaddiema***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li ***t-traineeship*** tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal ***mekkaniżmi għas-soluzzjoni*** tat-tilwim ***effettivi*** u imparzjali ***u rimedji xierqa***, inkluż***, meta jkun iġġustifikat,*** kumpens ***adegwat***, ***f'każijiet*** ta' ksur tad-drittijiet li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi ***tal-Unjoni jew nazzjonali*** oħra applikabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura l-aċċess għall-ġustizzja għat-trainees filwaqt li tiddistingwi b'mod ċar l-istatus legali tagħhom minn dak tal-ħaddiema. Dan jirrispetta l-awtonomija proċedurali nazzjonali u jevita l-ħolqien ta' obbligi mhux intenzjonati għall-Istati Membri jew għall-impjegaturi, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Emenda 583
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur ***tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur ***tal-istatus speċifiku tagħhom li jwassal għal riklassifikazzjoni tas-sitwazzjoni legali tagħhom f'kuntratt ta' impjieg regolari***.

Or. fr

Emenda 584
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees***, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet,*** ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju***, inkluż kumpens adegwat,*** fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

Or. en

Emenda 585
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali ***u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat,*** fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali ***u għal kumpens*** fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

Or. es

Emenda 586
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li ***r-relazzjoni ta' impjieg*** tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li ***t-traineeship*** tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 587
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li ***r-relazzjoni ta' impjieg*** tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li ***t-traineeship*** tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

Or. en

Emenda 588
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-

trainees, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.	trainees, inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema***, dment li tali mekkaniżmi jkunu aċċessibbli u simplifikati għall-mikrointrapriżi u l-SMEs***.

Or. en

Emenda 589
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li matul traineeship, it-trainee jista' jirreferi b'mod urġenti l-kwistjoni lill-awtorità kompetenti u/jew lill-ispettorat tax-xogħol f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, b'mod partikolari dawk għas-saħħa u s-sikurezza u l-prevenzjoni ta' vjolenza psikoloġika jew sesswali, bil-għan li l-kwistjoni tiġi solvuta malajr jew, fin-nuqqas ta' dan, li tintemm it-traineeship mingħajr preġudizzju għall-funzjonament xieraq tal-programm ta' taħriġ tiegħu.

Or. en

Emenda 590
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Proċeduri f'isem it-trainees jew b'appoġġ għalihom	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irridu ntennu li t-traineeships ma jikkostitwixxux relazzjonijiet ta' impjieg. Il-formulazzjoni fid-Direttiva proposta tissogra li tagħmel id-distinzjoni bejn trainees u impjegati anqas ċara, u toħloq inċertezza tad-dritt u obbligi addizzjonali għall-kumpaniji. Dan l-artikolu jittratta wkoll prinċipju ġenerali – li tiġi miġġielda l-imġiba "ta' ritaljazzjoni" li tirriżulta mill-eżerċizzju ta' dritt – li, madankollu, diġà huwa preżenti f'ħafna ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, bir-riskju li ma jkunx hemm bżonnu.

Emenda 591
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti ***tal-ħaddiema jkunu*** jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti ***tal-ħaddiem ikunu*** jistgħu jinvolvu ruħhom ***f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali***, fi kwalunkwe

biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva ***jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema***. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee ***wieħed jew aktar*** fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ***ta' dak it-trainee*** jew ta' dawk it-trainees.	proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva ***u jkunu jistgħu jaġixxu, meta jkun ammissibbli skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali***. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ***tat-trainee*** jew ta' dawk it-trainees.

Or. en

Emenda 592
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva ***jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema***. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ***ta' kwalunkwe dritt jew obbligu*** li ***jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra*** tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema***, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar***, bil-kunsens tagħhom,*** fil-każ ta' ksur ***tar-reġim legali tagħhom*** li ***jwassal għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt*** tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

Or. fr

Emenda 593
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema ***jkunu*** jistgħu jinvolvu ruħhom fi ***kwalunkwe proċedura ġudizzjarja*** jew ***amministrattiva rilevanti*** biex jinfurzaw ***id-drittijiet*** u ***l-obbligi*** li jirriżultaw minn din id-Direttiva ***jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema***. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar ***fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee*** jew ***ta' dawk it-trainees***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema ***jew ta' korpi rilevanti oħra, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, ikunu*** jistgħu jinvolvu ruħhom fi ***proċedimenti ġudizzjarji*** jew ***amministrattivi biex jappoġġaw l-infurzar tad-drittijiet*** u ***tal-obbligi*** li jirriżultaw minn din id-Direttiva. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta'trainee wieħed jew aktar, ***f'każijiet ta' allegat ksur ta' tali drittijiet jew obbligi, bil-kunsens tat-trainee*** jew ***tat-trainees***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda żżomm il-possibbiltà li r-rappreżentanti jappoġġaw lit-trainees fl-infurzar tad-drittijiet tagħhom, filwaqt li tiddistingwi b'mod ċar l-istatus legali tat-trainees minn dak tal-ħaddiema. Tippreżerva l-oqfsa proċedurali nazzjonali u tevita l-ħolqien ta' obbligi mhux intenzjonati, u b'hekk tiżgura konsistenza mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Emenda 594
Jan-Peter Warnke, Branislav Ondruš

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli

għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.	għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees. ***It-trainees għandhom jiġu infurmati b'mod espliċitu dwar din il-possibbiltà mir-rappreżentanti tal-ħaddiema jew mill-impjegatur tagħhom fil-bidu tat-traineeship tagħhom.***

Or. en

Emenda 595
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, ***meta dawn ikunu talbu dan biss.*** Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.

Or. es

Emenda 596
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema ***jkunu*** jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema ***u t-trade unions ikunu*** jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.

Or. en

Emenda 597
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema ***jew korpi rilevanti oħra*** jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.

Or. en

Emenda 598
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 599
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Huma jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva

jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.	jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.

Or. en

Emenda 600
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi negattivi	Protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi negattivi ***u l-oneru tal-provi***

Or. en

Emenda 601
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
